MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 521/2003

**HSBC Home Loans (Malta) Limited**

**vs**

**Carmelo Busuttil, Josephine Busuttil
u
Monalisa Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta’ Ottubru tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Illi jizgombraw u jivvakaw mill-fond numru (1), Sqaq il-Vitorja, Numru hamsa (5), Hal-Qormi, minnhom okkupat minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Illi jhallsu dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni illecita da parti taghhom tal-istess fond mis-6 ta’ Ottubru 1998 sal-gurnata tal-izgumbrar effettiv;

3. Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuti li huma mill-lum ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

4. Illi ghall-fini ta’ kompetenza, il-valur lokatizju annwali ma jeccedix is-somma ta’ sebgha mija u hamsa u tletin Lira Maltija (LM735), filwaqt li t-talba ghall-kumpens ma teccedix il-hamest elef Lira Maltija (LM5,000);

Rat id-decizjoni parzjali taghha datata l-1 t’April tas-sena 2004 li permezz taghha laqghet l-ewwel talba attrici u ordnat lill-konvenuti jizgumbraw mill-fond in dizamina fiz-zmien hemm indikat, bl-ispejjez ghall-konvenuti;

Rat l-ordni taghha ghall-prosegwiment tal-kawza rigwardanti l-kwistjoni subalterna tal-likwidazzjoni ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni illecita;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-istess socjeta' attrici jirrizulta li baghtet il-perit taghha biex jivvaluta l-prezz tal-fond de quo;

Illi meta dan sar fl-1995 l-istess fond kien valutat fl-ammont ta' erbatax-il elf u seba' mitt Lira Maltin, (LM14,700.00,0);

Illi sussegwentement a bazi ta' din il-valutazzjoni edilizja gie stabbilit li l-valur lokatizju kien ta' seba' mija u hamsa u tletin Lira Maltin, (LM735.00,0) annwi;

Illi dan l-ammont hekk valutat ma giex kontradett mill-kontroparti;

Illi jirrizulta li l-konvenuti okkupaw il-fond de quo mis-6 ta' Ottubru ta' l-1998 sad-9 ta' Gunju tas-sena 2004;

Illi ghalhekk, u dan anke a bazi tal-prospett dettaljat tas-socjeta' attrici, (ara fol 32), l-ammont lokatizju dovut mill-konvenuti ghall-perjodu indikat fil-paragrafu precedenti komplessivament jitla' ghall-erbat elef, mija u sebghin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu, (LM4,170.36,0);

Illi dan l-ammont bl-ebda mod ma gie kkontestat mill-konvenuti;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti tilqa' wkoll it-tieni talba tas-socjeta' attrici u filwaqt li tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' erbat elef, mija u sebghin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu, (LM4,170.36,0), tikkundanna lill-konvenuti fuq indikati biex ihallsu in solidum l-ammont hekk likwidat lis-socjeta' attrici, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------